MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2117/2004

**Guzeppi u Mary Degabriele**

**Vs**

**Guzeppi u Joyce Chircop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) rapprezentanti danni minnhom sofferti fil-fond taghhom.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti qalu:

a. Illi m’ghandhom jaghtu l-ebda ammont ta’ danni stante illi fl-ewwel lok Guzeppi Chircop qal li huwa qatt ma nnega l-fatt illi seta’ kien hemm xi allegar ta’ ilma u kien dejjem dispost jaghmel tajjeb ghal xi hsarat li setghu rrizultaw.

b. Illi fit-tieni lok qal li meta tfacca l-kont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) kien talab lill-Perit *breakdown* ta’ l-istess kont u l-attur naqas li joffri dan.

c. Illi fit-tielet lok qal li dawn il-proceduri gewipprezentati ntempestivament.

d. Illi fl-ahhar lok jghid li l-ammont mitlub mhux dovut kif ukoll esagerat.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur fejn qal li f’Marzu 2004 kien innota zewgt irqajja’ t’umdita’ fis-sular ta’ fuq u t’isfel tal-proprjeta’ tieghu. Dawn l-irqajja’ kienu jmissu mal-hajt tal-konvenuti.

Jikkonferma li meta kellem lill-konvenut b’din is-sitwazzjoni, l-istess konvenut kien irrangah. Jghid li jumejn wara li saret it-tiswija kien hemm roqgha ohra t’umdita’ ftit ‘il fuq.

Jghid ukoll illi l-konvenut ikkonfermalu li kien hemm *leakage* iehor u rega’ sewwieh.

Meta gie l-perit sabiex jara xi spejjez ghandu kienu telghu ghall-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60).

Jikkonferma li qatt ma rcieva risposta minghand il-konvenuti u l-ammont ghadu pendenti sal-lum il-gurnata.

Fil-kontro-ezami jikkonferma li min-naha tieghu mizbugh u mkahhal tajjeb.

Qal ukoll illi l-konvenut kien qallu sabiex ihalli l-umdita’ tinxef izda ghada tinxef sal-lum.

Ra x-xhieda tal-Perit Alan Saliba fejn jikkonferma li kien mar kemm ghand l-atturi w anki ghand il-konvenuti u dana qabel li kien hemm xi hsara u kien sewwiha.

Jikkonferma wkoll illi l-hsara fil-proprjeta’ ta’ l-atturi hija rizultat ta’ hsara li hemm fil-pajpijiet fil-proprjeta’ tal-konvenuti.

Il-Perit Alan Saliba gie mistoqsi kif ikkalkula s-sittin lira Maltin (Lm60). Jispjega li minhabba li fil-proprjeta’ ta’ l-atturi hemm l-umdita’ u l-hsara, allura jinzebagh il-hajt kollu. L-attur kien qallu sabiex izomm l-istima baxxa.

Jikkonferma li l-konvenut kien talbu *breakdown* tas-sittin lira Maltin (Lm60) u hu tah risposta li jghid li nkarigah l-attur.

Ra x-xhieda ta’ Dr Charmaine Zammit fejn tikkonferma li fuq il-*letterheads* l-email address taghhom kien “tabela@maltanet.net” pero’ dak iz-zmien meta l-konvenut kien qed jibghat l-emails, l-email address taghhom kien inbidel. Tghid ukoll illi qatt ma rcevew il-fax li baghat il-konvenut.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li min-naha tieghu ma kellux danni hlief ilma. Jghid li hu kien gab in-nies sabiex jaghmlu x-xoghol min-naha tieghu.

Jghid illi wara li ghamel dan kien ircieva kont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) minghand il-Perit Alan Saliba u hu talab *breakdown* ta’ dan il-kont. Jikkonferma li qatt ma rcieva risposta ta’ l-emails, ittri u fax li baghat hu.

Fil-kontro-ezami l-konvenut jghid illi qatt m’avvicina lill-atturi li ser jaghmel ix-xoghol hu. Jikkonferma li qatt ma nkariga perit sabiex imur jara l-hsara tan-naha ta’ l-atturi. Jikkonferma wkoll illi l-attur kien talbu sabiex imur jara l-hsara li kien ikkaguna izda hu rrifjuta. Jghid li l-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) mhux esagerat. Hu talab biss *breakdown*.

Ra x-xhieda ta’ Grezzju Ellul fejn jikkonferma li x-xoghol fuq in-naha tal-konvenuti kien sar kif suppost.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi u specjalment mir-Rapport tal-Perit Alan Saliba jirrizulta li l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni u ghall-ispejjez li nefqu l-atturi biex iqabbdu perit u biex jippruvaw jigbru l-flus minghand il-konvenuti. Illi l-konvenut jipprova jistrieh fuq il-fatt li pprova jikkomunika ma' l-avukat ta' l-atturi biex igib iktar dettalji izda dan mhux bizzejjed biex jigi ddikjarat li mhux responsabbli ghad-danni.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------